LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

FRAR 2021 – Ħarġa Nru: 188



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## MUDELL GĦALINA



Dis-sena, il-Knisja Kattolika qed tqiegħed quddiema l-figura ta' San Ġużepp bħala mudell għalina. Ilkoll nafu li fostna hawn devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Biżżejjed inħarsu lejn in-numru ta' knejjes, altari, fratellanzi, toroq, skejjel, djar, istituti…. kollha ddedikati għalih. U minn dawn, insibu wkoll fil-parroċċa tagħna!

Għal din l-okkażjoni, il-Papa Franġisku tana ittra appostolika, il-ġmiel tagħha: **Patris Corde** – b'Qalb ta' Missier. Fiha wriena li dan il-qaddis li għex aktar minn elfejn sena ilu, għadu relevanti għalina llum ukoll. F'din l-ittra, il-Papa għandu sentenza li tiġbor dak li Ġużeppi jista' jkun għalina: "Il-kobor ta' San Ġużepp ġej mill-fatt li hu kien ir-raġel ta' Marija u l-missier ta' Ġesù. B'dan il-mod, huwa qiegħed lilu nnifsu għas-servizz tal-pjan tas-salvazzjoni".

Dan ifisser li Ġużeppi indokra lit-tifel Ġesù b'ċerta tenerezza fit-tfulija tiegħu, biex meta jikber, ikun jista' jwassal is-salvazzjoni lill-umanità kollha. Ħidma tassew kbira!

F'dinja fejn il-bniedem dejjem ifittex kif jagħmel lilu nnifsu magħruf, speċjalment permezz tas-social media; fejn irid il-ħin kollu l-attenzjoni fuqu, Ġużeppi jidher quddiemna bħala bniedem ordinarju li jwettaq il-ħidma tiegħu fis-skiet imma b'mod effettiv.

Dan hu li rridu nagħmlu aħna: li ngħixu ħajjitna billi nwettqu d-dover tagħna fis-silenzju, 'il bogħod mid-dwal tad-dinja. Inħallu lil ħaddieħor jitfa' d-dawl fuqna billi japprezza is-sinċerità, l-onestà, is-sabar, il-qalb tajba, il-kalma fil-mument tal-prova, l-attenzjoni lejn l-oħrajn, speċjalment lejn min hu batut… Hekk għamel Ġużeppi u hekk xieraq nagħmlu aħna, jekk irridu nżommuh bħala mudell tagħna.

## BĦAL TA' QABLU?!

Dis-sena, Frar idaħħalna fiż-żmien speċjali tar-Randan li aktar milli ngħixuh "bħas-soltu", naraw x'nistgħu nagħmlu "aħjar mis-soltu". Dan nagħmluh billi nduru dawra magħna nfusna u naraw liema "spirtu" qed imexxina fil-ħajja: jekk hux dak tad-dinja jew dak ta' Kristu.

Dan jissejjah "id-dixxerniment" – li aħna nikkonfrontaw ħajjitna mal-Kelma t'Alla u nitolbu ħalli fi kliemna, f'għemilna, fid-deċiżjonijiet tagħna kemm ta' kuljum kif ukoll dawk straordinarji, aħna nħallu l-ispirtu ta' Ġesù jiggwidana.



Tajjeb jekk f'dan iż-żmien (1) nirrflettu fuq il-Kelma t'Alla hekk kif insibuha fil-Liturġija ta' kuljum (2) nagħmlu xi rtir ta' ġurnata jew ta' xi jiem (2) inqerru ta' spiss ħa niksbu l-maħfra ta' Ġesù f'ħajjitna (3) insegwu d-diskorsi li jagħmel il-Q.T. il-Papa fuq it-temi ta' dan iż-żmien (4) Nieħdu sehem fl-attivitajiet devozzjonali tal-Knisja bħal eżerċizzi, il-Liturġija tas-Siegħat, il-Via Crucis u oħrajn.

Jekk nagħmlu hekk, dan ir-Randan li qed ngħixuh fi żmien ta' pandemija, iġib fina dik il-konverżjoni meħtieġa fl-attitudnijiet tagħna, li wara kollox hu l-għan aħħari ta' dan iż-żmien.

Nawguralkom ilkoll, Randan Qaddis!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR ... FRAR 2021

**Tnejn 1:** *Jum Ħaż-Żabbar.* Fis-6.00pm quddiesa ta' radd-il ħajr li għaliha jkunu preżenti s-Sindku u l-membri tal-Kunsill Lokali.
**Tlieta 2:** **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju** – *il-Gandlora*. Fis-6.00pm tberik tax-xemgħa, purċissjoni mas-santwarju u Konċelebrazzjoni. Mistedna r-Reliġjużi Rġiel u Nisa tal-parroċċa.
**Ġimgħa 5:** Sant'Agata, verġni u martri – Tifkira O. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Fis-6.00pm quddiesa b'suffraġju għal dawk li mietu f'dawn l-aħħar xahrejn. Wara l-quddiesa, ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali.
**Sibt 6:** San Pawl Miki u sħabu, martri – Tifkira O
**Ħadd 7:** **Il-Ħames Ħadd matul is-sena.** L-ewwel Seminar ta' tħejjija għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.
**Tlieta 9:** Santa Skolastika, verġni – Tifkira O. Il-quddiesa tas-6.00pm tissodisfa l-preċett tal-għada.
**Erbgħa 10:** **Solennità tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl.** Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal tal-Ħadd. Min ma jħossx li għandu jattendi l-knisja, jassisti għall-quddiesa fuq it-tv.
**Ħamis 11:** Fl-okkażjoni tat-Tifkira ta-Imqaddsa Verġni Marija ta' Lourdes, niċċelebraw ukoll *Jum il-Morda*
**Ħadd 14:** **Is-Sitt Ħadd ta' matul is-sena.** It-tieni Seminar għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.
**Tlieta 16:** *Laqgħa ta' tħejjija* għar-Randan għal-lajċi impenjati kollha.
**Erbgħa 17:** **L-Erbgħa tar-Rmied u bidu tar-Randan Imqaddes.** *Jum ta' sawm u astinenza.* Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. Fis-6.00pm Via Sagra u fis-6.30pm Konċelebrazzjoni bl-omelija u t-tqegħid tal-irmied.
**Ħadd 21:** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan**. Fl-okkażjoni ta' **Ħadd in-Nies**, l-Arċisqof se jqaddes fis-santwarju fid-9.30am. Il-quddiesa tkun trażmessa fuq TVM2. Minħabba f'hekk, ma jkunx hawn il-quddiesa tal-10.15am. Tal-11.30am issir bħas-soltu. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni.
**Tnejn 22:** Il-Kattedra ta' San Pietru – Festa
**Ħadd 28:** **It-Tieni Ħadd tar-Randan**

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Mary Farrugia (68), Frank Farrugia (74), Mary Livori (92), Anthony Schembri (73), Salvina Scerri (87), Carmelo Calleja (83), Joseph Agius (84), Joseph Lia (83), Giorgia Dalli (76), Adelaide Zammit (77), Giovann Pace (58), Michael Delia (89).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*